# KRONAKA

## MR. JOHN PUDNEY F'LAQGĦA AKKADEMIKA TAL-GĦAQDA

Fl-14 ta' Mejju li għadda, fil-Librerija ta' l-Università Rjali ta' Malta, saret Laqgħa Akkademika mill-"Għaqda" tagħna li fiha kien mistieden biex jieħu sehem Mr. John Pudney, poeta, ġurnalist u kittieb magħruf ta' diversi kotba bl-Ingliż.

Il-President tagħna fetaħ il-laqgħa biex introduċa lil Mr. Pudney li tħaddet dwar il-problemi li għandu jħabbat wiċċu magħhom il-kittieb fid-dinja tal-lum.

F'din il-laqgħa ħadu sehem :—

**Il-Kav. Dr. G. Galea,** M.B.E., M.D., D.P.H., li qara nota fuq "The Development of the Maltese Literature".

**Is-Sur A. Cremona** tkellem fuq : "Maltese from an Academic, Educational and Official point of view."

**L-Avukat G. Zammit,** B.A. (Lond.), B.D. (Greg.), LL.D., iddeklama poeżija tiegħu "Song".

**Is-Sur Erin Serracino-Inglott** ittratta fuq "English loan-words in Maltese."

**Is-Sur G. Cassar-Pullicino** fisser il-fehmiet tiegħu dwar "The Study of Maltese folk-lore."

Il-President, kontra qalbu, kellu wara siegħa, jagħlaq dik il-laqgħa wisq interessanti billi Mr. Pudney kellu jitlaq ma' stedina oħra f'dik il-lejla stess u ma setax jibqa' iżjed.

F'din il-Laqgħa Akkademika l-kittieba tagħna taw xhieda li huma mhux biss imħarrġin fi lsien art twelidhom, iżda wkoll li l-pinna tagħhom bi lsien barrani ma tħammrilhomx wiċċhom biex jittrattaw suġġetti ta' studji lingwistiċi, letterarji u folkloristiċi.

Il-"Moviment tal-Malti" bagħat messaġġ biex bih ifisser ix-xewqat it-tajba għall-Akkademja u biex juri d-dispjaċir tiegħu li ma setax jieħu sehem minħabba li fl-istess ħin kienet avżata minn qabel laqgħa importanti tal-Kunsill tal-Moviment. Il-messaġġ għalaq bl-oħla tislijiet f'isem il-għoxrin Fergħa lil Mr. John Pudney u lis-sinjura tiegħu.



# Reċensjonijiet

## ID-DIZZJUNARJU TA' BARBERA

IR-REĊENSJONI li ġibna hawn taħt hija traduzzjoni ta' dik li dehret bit-Taljan fir-Rivista "Oriente Moderno" ta' l-"Istituto per l'Oriente (1940.—Anno. XX—1940, Fascicolo 5, pag. 271-272)" mill-pinna ta' Dr. Ettore Rossi, Direttur ta' l-istess rivista. Din ir-reċensjoni hija fuq l-ewwel ktieb tad-dizzjunarju ta' Barbera u miktuba sena wara li ħareġ l-ewwel volum tad-dizzjunarju fl-1939.

Għal min ma jafux, Dr. Ettore Rossi ilu midħla tagħna u r-rabta li għandu ma' Malta ilha minn xi 25 sena 'l hawn, minn mindu bl-istudji tiegħu kbar fuq l-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta kien rebaħ il-borża ta' l-istudji storiċi u ġie hawn Malta biex jissokta u jitwettaq fir-riċerki storiċi tiegħu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsemmu l-aqwa waħda fuq "La Marina dell'Ordine di S. Giovanni di Gerusalemme, di Rodi, di Malta", u studju ieħor fuq "Il Dominio dei Cavalieri di Malta a Tripoli (1530-1551) e i Rapporti dell'Ordine con Tripoli nei Secoli Seguenti (1551-1798)" li kien qara fl-Università ta' Malta fl-1924 u li hemm stampat fl-*Archivum Melitense*, 1924, Vol. VI, No. 2.

Dr. Ettore Rossi, bħala studjuż tal-Għarbi, għamel riċerki fuq il-manuskritti u kotba bil-Għarbi li nkitbu hawn Malta jew li jinsabu fil-libreriji, arkivji ta' knejjes kunventi u fuqhom ħareġ monografija jisimha: "Manoscritti e documenti orientali nelle Biblioteche e negli Archivi di Malta" (Archivio Storico di Malta 1930). Barra minn dawn, huwa qara l-epigrafi għarbin ta' dawk l-oqbra qodma tal-Għarab li kienu nsabu qalb l-irdum tal-Villa Romana tar-Rabat u ġabarhom fi ktejjeb li kien ħareġ fl-1930. (Rivista degli Studi Orientali. Vol .xii. 1930). Xogħlijiet oħra tiegħu ta' min isemmi: Aggiunta alla "Bibliographie Methodique de l'Ordre Souverain de St. Jean de Jerusalem di Ferdinand de Hellwald"; Storia del Medio Evo e dell'Età Moderna; Poesia Popolare della Tripolitania (Rivista della Tripolitania ,1925-1926); Gaetano Mannarino (Malta Letteraria, Serie II, pp. 239-242); Riassunto Storico del S.M .Ordine di S. Giovanni di Gerusalemme di Rodi, di Malta; Appunti di dialettologia sui dialetti del Yemen, Appunti di dialettologia del Yemen (Rivista degli Studi Orientali. 1937-38). Bħala studjuż ta' lsenna u ta' l-istorja huwa magħruf ukoll bl-artiklu tiegħu li kiteb fl-*Enciclopedia d'Islam* li nkitbet ukoll bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Franċiż.

Il-lum Dr. Ettore Rossi, wara karriera sabiħa fl-amministrazzjoni kolonjali ta' l-Italja, fejn ix-xogħol tiegħu sewa ta' fejda kbira b'riħet il-lingwi orjentali li jaf: Għarbi, Persjan u Tork, qiegħed Professur tat-Tork u Persjan fl-Iskola Orjentali ta' l-Università ta' Ruma.

Din ir-reċensjoni, kif għidna, hija fuq l-ewwel volum tad-Dizzjunarju li kien ħareġ sena qabel ma dehret fir-Rivista "Oriente Moderno". Minn dak iż-żmien Barbera ħareġ it-tliet volumi l-oħra u għaqqad l-opra kollha.